Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 604/2004

**E.Calleja and Sons Ltd.**

**vs**

**Glo Lite Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u dsatax-il lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm1319.19) rapprezenatnti bejgh ta' merkanzija u apparat debitament ikkonsenjat u servizzi pprestati in konnessjoni ma' dan.**

**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 10 ta' April, 2002 u 8 ta' Marzu, 2004.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Chris Soler ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici li minnha jirrizulta li ghad hemm dovut l-ammont ta’ tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm344.14) rapprezentanti imghaxijiet u spejjez legali.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm344.14) u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta’ tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm344.14).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------